# Għasafar tal-baħar maqbudin fuq l-art salvati minn BirdLife Malta

## Appell lill-pubbliku biex jgħin frieħ tal-Garnija li jistgħu jispiċċaw diżorjentati huma u jtiru għall-ewwel darba

Fl-aħħar jiem, żewġ frieħ tal-Garnija (Yelkouan Shearwaters) ġew salvati minn BirdLife Malta wara li nstabu maqbudin fuq l-art fil-bajja tal-Għadira u f'Buġibba.

F'dan iż-żmien tas-sena, minn Ġunju sa nofs Lulju, frieħ ta' dan l-għasfur tal-baħar ikunu qed iħallu l-bejta għall-ewwel darba biex jagħmlu l-ewwel titjira tagħhom minn fuq l-irdumijiet. Dawn l-għasafar żgħar itiru għall-ewwel darba matul il-lejl u jużaw id-dawl tal-orizzont bħala gwida biex isibu triqithom 'il barra mill-kosta għal fuq il-baħar. Madanakollu, teżisti l-probabilità li wħud minn dawn il-frieħ jispiċċaw diżorjentati kaġun tat-tniġġis mid-dawl f'zoni urbani u minflok, jispiċċaw maqbudin fuq l-art fl-ewwel titjira tagħhom. Dan iwassal biex ħafna minnhom jinstabu maqbudin f'toroq, xtut, portijiet, bliet u rħula, u zoni oħra urbani fejn ikun hemm ħafna dawl, f'diffikultà biex itiru lura lejn il-baħar.

F'Malta nsibu madwar 10% tal-popolazzjoni dinjija tal-Garnija li jfisser li għandna sa 2,000 par ta' dan l-għasfur tal-baħar li jbejtu f'siti differenti. Minkejja f'dan, il-popolazzjoni ta' din l-ispeċi qed tonqos, bl-akbar theddida ġejja mit-tniġġis mid-dawl. Buġibba, il-Qawra, il-Mellieħa, is-Salina u ċ-Ċirkewwa huma s-sorsi prinċipali ta' dan it-tniġġis u jippreżentaw l-akbar periklu għall-kolonji tal-Garni li hemm fil-Gżejjer ta' San Pawl, Kemmuna u l-Irdum tal-Madonna fejn insibu l-akbar kolonja ta' dan l-għasfur f'Malta. Kull sena, ħafna minn dawn l-għasafar tal-baħar jinqabdu fuq l-art u b'hekk jispiċċaw f'sitwazzjoni vulnerabbli bil-periklu li jispiċċaw mgħaffġin minn karozzi jew li jiġu attakkati minn annimali oħra. Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta qed jaħdem biex inaqqas kemm jista' jkun l-impatt tat-tniġġis mid-dawl qrib il-kolonji ħalli jkun żgurat il-ħarsien ta' dan l-għasfur tal-baħar.

Hu biss bis-saħħa tal-assistenza tal-pubbliku li jirrapporta dawn il-każi li BirdLife Malta tista' tkun f'pożizzjoni li ssalva lil dawn il-frieħ li jiġu f'diffikultà u teħlishom mill-ġdid matul il-lejl f'postijiet ħielsa minn kull periklu biex ikunu jistgħu jkomplu bil-vjaġġ tagħhom fuq il-baħar.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

Jekk issib ferħ tal-Garnija f'diffikultà, jekk jogħġbok ċempel lil BirdLife Malta mill-ewwel u poġġi l-għasfur f'kaxxa tal-kartun f'post mudlam sakemm ikun jista' jinġabar.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Aqra aktar dwar l-ispeċi u l-proġett fuq is-sit elettroniku tagħna:
http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/4RBi80NlBY**

- Ferħ ta' Garnija li kien maqbud fuq l-art u li nħeles mill-ġdid wara li ġie salvat minn BirdLife Malta (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Veerle van Werde)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/1hB7iy6hAb**

1. Tniġġis mid-dawl f'Buġibba kif osservat mill-kolonja fl-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' Paulo Lago)
2. Garnija qed tħalli l-bejta biex ittir għall-ewwel darba (Ritratt ta' Benjamin Metzger)
3. Ħaddiema tal-proġett LIFE Arċipelagu Garnija jixxabbtu mal-irdum biex jeħilsu Garnija li nstabet maqbuda fuq l-art (Ritratt ta' Weerle van Werde meħud b'*thermal imaging camera*)

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB